# MILL-ĦERBA TAL-ĠEBEL
# GĦALL-QAWMA TAR-RUĦ

*Lil Dun Karm b'xhieda ta' għożża għal dak kollu li minn tfuliti nissel fil-pinna tiegħi l-Weraq tar-Rand tiegħu.*

Kien l-għada ta' wara l-ewwel attakk tal-għadu mill-ajru fuq il-Gżira meta għodu għodu Trejżi bil-ħsieb li tmur iżżur 'l ommha r-raħal telqet minn waħda mit-triqat dojoq tal-Belt wara lejl ta' biża' u taqtigħ ta' qalb li għaddiet mimduda bil-libsa b'kollox fuq il-bank tal-ħanut tax-xorb fejn minn xi xahrejn kienet taħdem bħala masa (kif dlonk għall-ewwel il-biċċa l-kbira tan-nies tat-tlitt ibliet fejn infetħu l-ewwel ħwienet tal-baħrin kienu jsejħulhom lil dawk it-tfajliet li jaqdu bix-xorb fuq l-imwejjed u li l-lum nafuhom bl-isem ta' *barmaids*). Ewl il-lejl, wara t-tieni attakk aħrax ta' fil-għaxija, il-ħwienet tax-xorb ta' dik it-trieq kienu għalqu qabel il-ħin; ebda ħajta dawl ma baqgħet tidher minn xaqq il-bibien jew twieqi ta' l-inħawi; id-dlam kont taqtgħu b'sikkina, u d-daqq tal-baned "jazz" u ċ-ċempil tal-pjanu, bil-għanjiet għalenija tat-tfajliet tal-ħwienet u tas-suldati, kien waqaf f'daqqa waħda, u ma kontx tisma' ħlief xi bieb jissabbat u jissakkar, u fl-aħħar imbagħad it-taħbit taż-żraben ta' xi suldat fuq il-qawwi ta' l-art għaddej jixxengel qisu dell ta' sigra fir-riħ.

Dik il-lejla Trejżi, xebba fuq ruħha ta' bil-kemm għoxrin sena, wiċċha smajjar, għajnejha suwed tuta, xagħarha mġiegħed u maqtugħ qasir minn wara, f'widnejha par ħoloq kbar lewn id-deheb, b'libsa mqaċċta tal-*voile* iffjurata, kellha bħal sħajba ta' ħsieb li ċajprilha l-bixra dejjem daħkana u ferreħija ta' wiċċha. Kienet tidher mitluqa, u n-nofs ta' nhar kollu, sa kemm mad-dalma nstamgħu jvenvnu fuq il-bjut tal-Belt l-ajruplani tal-għadu qalb it-tfaqqigħ ta' balal ta' kanuni mill-art, ma tħarketx ħlief 'l hawn u 'l hinn minn fuq il-banketta biex tersaq b'nofs ħajra lejn xi suldat dieħel il-ħanut; twieġeb b'nofs tbissima u b'xi kelma minn taħt il-lsien għaż-żegħil u ċajt tal-parruċċani, bla ma tħabrek li tnewwel ix-xorb jew li tbattal il-bikkerin tagħha, iżda b'rasha immejla fuq l-id il-lemenija, tmur iktarx toqgħod f'rokna, donnha mxabbgħa u ma tistenniex ħlief il-waqt li jagħlaq il-ħanut.

Dik il-lejla Freddie, il-maħbub suldat tagħha li kienet saret tafu minn xi tmien xhur qabel meta kienet għadha r-raħal fejn ir-riġment tiegħu kien għassa taħt it-tined fl-egħlieqi ta' wara d-dwejra t'ommha, ma kien deher b'xejn, —iżda l-iktar li xi waqtiet kien itaqqlilha l-ħsieb ta' rasha kien dak tal-għażiża ommha li baqgħet armla u ma kienx fadlilha fid-dinja ħlief lilha u lil ħuha Lonzu, żagħżugħ ta' xi dsatax-il-sena jaħdem fir-razzett tal-barba Gawdenz. Sa kemm kellha sbatax-il-sena, Trejżi qatt ma kienet tbiegħdet minn fejn djul ommha, il-Belt ma kienet ġiet qatt ħlief darba jew tnejn ma' xbintha Zolli li kienet tħawtel f'kollox, tieħu r-rahan ta' xi ġara l-Monti, tbigħ xi tjur u bajd fil-ħwienet ta' l-ikel tal-baħrin, tikseb xi qaddejja għad-djar jew xi tfajla tar-raħal għall-ħwienet tax-xorb tal-Belt u Balzunetta, u, 'l hawn u 'l hinn, toħtob xi xkertejn patata lil tal-ħwienet u tħassel xi pezza drapp tan-newl fid-djar jew f'xi ħanut tad-drappijiet. Malli Trejżi tfarfret ftit ieħor, Zolli dlonk kienet tinqeda biha twasslilha xi sorra u tgħinha fil-bejgħ u xiri u tqabbadha taqdi lil tal-ħwienet f'xi ħasil ta' ħwejjeġ u ta' art. B'hekk it-tifla bdiet titħarreġ ġmielha u toħroġ mill-qoxra tal-mistħija tat-tfajliet tar-raba' u saħansitra drat tnewwel xi tazza birra lil xi baħri jew suldat u tlaqlaq xi kelmtejn bl-Ingliż. Mhix ħaġa tal-għaġeb, għalhekk, jekk Trejżi ma stmellitx id-dehra tas-suldati madwar l-egħlieqi tal-ħâra tagħhom ir-raħal malli faqqgħet il-gwerra bejn l-Ingliterra u l-Ġermanja u, ftit ftit b'dik ix-xeħta dħulija tagħha, wieġbet għal ħarsa ta' xi wħud minnhom

Trejżi, madankollu, kienet dik il-ħabta qalbha marbuta ma' dik ta' wieħed żagħżugħ, raħħâl, li minn żgħuritu, kien, tista' tgħid, trabba magħha. Ġanni, għax hekk kien jismu l-għażiż ta' qalbha, kien ġar tagħhom u lil Trejżi kien iqisha bħas-sieħba tal-mogħdijiet taż-żmien ta' ċkunitu u draha bħalkieku oħtu, iżda malli sebaq is-sbatax-il-sena wiċċ Trejżi f'għajnejh beda jisbieħ u jiħmar bħall-ħawħ tas-siġar li kellu fil-ġnejna għeluq ir-rebbiegħa u għajnejha kienu mat-tbissima jkellmuh bi ħlewwa u jagħrxulu qalbu u jimlewlu rasu b'mitt ħolm imżewwaq ta' xenqa, tama u hena, imħallat 'l hawn u 'l hinn b'taqtigħ ta' qalb, ta' biża', dwejjaq u ferħ flimkien li bihom maż-żmien bdiet tintiseġ il-ħajja tiegħu. Trejżi kienet daħlet f'qalbu, iżda, jaħasra, ma dametx daqs kemm kienet damet marbuta ma' tiegħu, meta tfal, bla ebda ħsieb ta' ħażen u qerq tad-dinja, huwa u hi, kienu jissieħbu flimkien, fit-tbahrid, jew jaqdu flimkien lil niesħom fix-

xogħol tar-raba' fi żmien il-ħrit, il-ħsad, id-dris jew it-tisqija tal-bħajra fis-sienja.

Darba li Ġanni kien għal ħabta tal-għabex rieġa' lejn il-maqjel bil-merħla tiegħu minn mogħdija ta' wied taħt ir-riħ tar-raħal jilmaħ lil Trejżi tkellem suldat Ingliż daharha mal-kixtbiena tar-rixtellu tal-għalqa ta' Vitor, ħu ommu. Mal-ħoss tan-nwieqes tal-mogħoż mexjin quddiem, Trejżi xirfet wiċċha minn wara s-suldat li kien qiegħed igħatti nofsha, wieqaf b'idu x-xellugija max-xewka tal-koxxa tal-bieba u b'idu l-oħra mitnija fil-lemenija ta' Trejżi. Hemmhekk kien li Ġanni ntebaħ bi Trejżi u din minnufih ħbiet wiċċha, saret ħamra nar, u rtasset kemm setgħet mar-rokna tal-bieba.

Ġanni ħass għall-ewwel darba l-imrar ta' mħabbtu. Qalbu kesħet u ma felħetx tegħleb dik id-dehxa u bħal qata' jiesu li jwettaq il-ħsieb li jingħaqad ma' dik li kien joħlom biha minn mindu ħass l-ewwel xrariet ta' mħabba, ma' dik li kienet is-sieħba ta' tfulitu, li kien beda jħobb bħal oħtu u li qatt ma sata' jaħseb li kellha tqarraq bih. Dik il-lejla daħal id-dar qalbu sewda, ħosbien, jitbandal; ħalla l-bhejjem jidħlu waħudhom ġewwa l-maqjel, qatta' ftit silla, ferrixhielhom kif ġie ġie fil-maxtura u kien għoddu nesa jimlielhom barmil ilma biex jisqihom, u, bla ma sejjaħ lil ommu biex tagħtih jiekol, tala' bil-kiss il-kiss għal ġewwa l-għorfa u nxteħet fuq mitraħ tat-tiben u fettex li jorqod u bl-irqad jinsa l-qerq tad-dinja, għax dik kienet l-ewwel darba li ħass kemm tassew id-dinja kienet qarrieqa.

Minn dik il-lejla Ġanni ma fittixx li jiltaqa' ma' wiċċ Trejżi, u Trejżi nħbiet minn wiċċu, iktarx għal mistħija milli biex taħarbu. Meta ntebħet li Ġanni ma ħax iżjed ħsiebha, li kull fejn jilmaħha mill-bogħod huwa u ġej jew sejjer bil-merħla jikser il-kantuniera jew jieħu trieq oħra, għaddiet xi jumejn qalbha sewda, iżda fl-aħħar, għalkemm l-imħabba tagħha lejn Ġanni kienet iżjed safja mill-ġibda li kellha għas-suldat, ħasbet li biex idderri d-dwejjaq li qabduha bil-firda tal-maħbub ta' torbitha, tibqa' twieġeb għaż-żegħil tas-suldat. U hekk għamlet u baqgħet tagħmel, għalkemm wara kollox qatt ma setgħet issib is-sabar u l-hena tagħha kif kienet tixħed kull tbissima bierda li toħroġ minn fommha meta tiltaqa' u tkellem il-maħbub ġdid tagħha.

Fuq dak li għadda minn Ġanni, Trejżi ma dametx ma semgħet minn għand waħda xiħa ġara tagħha li tarrfitilha li Ġanni kien sa jitgħarras ma' waħda li ommha kienet mid-

ħla ta' dar niesha, u li ommu kienet kemm-il-darba semmitħielu u ħajritu għaliha jekk jiġi li jagħmel il-ħsieb li jkollu daru,—l-iktar minn mindu n-nies kienet bdiet tqassas fuq Trejżi meta dan l-aħħar kienu jarawha tterraq lejn il-Belt u tmur taqdi lil xbintha f'dawk il-ħwienet tax-xorb u xxerdet ix-xniegħa li kienet qiegħda tittajjar wara suldat.

"Dik il-ħalja ta' Trejżi fuq ruħha wisq u xejn ma togħġobni —Lieni ta' Zanza ħija tifla għaqlija, bint is-sewwa, tal-ġabra, ta' fommha xieraq u mistura. Kemm xtaqt ibni, li ssib tifla bħal dik li tiġbrok u tiġborlok darek". Ġanni lil ommu, li kien għodda qorbot is-sebgħin sena u l-mard kien għakkisha daqshekk li ma kellux it-tama li jibqa' jgawdiha għal żmien twil, kien joqgħod jismagħha ħosbien, meta qabel ma jorqod u wara li jkunu qalu r-Rużarju, kienet tnewwillu l-platt minestra u twaqqa' l-kliem fuq Trejżi. Ġanni kien ilu ltim minn missieru u kliem ommu kien igħożżu u x-xewqa ta' qalbha ma xtaqx jiksirha; iżda Trejżi kienet laħqet daħlet f'qalbu sewwa u ma satax jaqlagħha bla ma jmarrar l-isbaħ jiem ta' ħajtu, u għalhekk kien iwarrab il-platt minn quddiemu bla ma jtemmu, igħaddas rasu u jfittex imur jimtedd.

Iżda, meta għal dik il-ħabta sewwa li Trejżi kienet ġennbitu, lil ommu kienet tatha bħal taqliba u wara għaddiet għall-agħar, fl-aħħar waqtiet ta' ħajjitha huwa resaq lejha u b'idejha l-kiesħa magħfusin ma' sidru u b'għajnejh mimlijin dmugħ fettex li jisraq l-aħħar kelmiet tagħha minn għajnejha li kienu qed jingħalqu għal dejjem, telgħetlu bħal għoqda fi griżmejh u: "Jommi" infexx igħid f'bikja "jien inwiegħdek li ntemm xewqtek...berikni; irrid li tmut b'rasek mistrieħa..." U biesha fuq ġbinha kiesaħ bil-għaraq tal-mewt. Ommu bexxqet għajnejha li minnha ħarġet l-aħħar teptipa tad-dawl inemnem ta' ħajjitha u mietet bi tbissima fuq fommha.

Wara l-mewt t'ommu, Ġanni ma damx ma ltaqa' ma' Lieni; għaddew għat-tnidijiet u wara xi żmien iżżewġu u t-tieġ sar bil-mistur imħabba l-vistu ta' l-omm.

Ir-riġment li kien qiegħed taħt it-tined fl-egħlieqi ta' wara d-dwejra ta' omm Trejżi telaq u mar fl-inħawi tat-trinċieri tas-swar tal......

Trejżi sabet ruħha weħidha b'jiesha maqtugħ li tarġa' tirbaħ l-imħabba ta' Ġanni li qabel kien wera li hu miġnun għal warajha u għal xi żmien, qabel ma semgħet li sa jiżżewweġ, għaxet bit-tama li tarġa' tiġbdu lejha u jaħfrilha

d-dnub tagħha ta' xbejba fiergħa li kienet; mill-banda l-oħra dan il-waħx ħassitu wisq iżjed meta mar-riġment għabet ukoll minn dawk l-inħawi x-xbieha dejjem daħkana u ċajtiera ta' Freddie li biha kienet ittaffi u ddewwi xi ftit l-imrar tad-dwejjaq tagħha. Għalhekk għodwa waħda sarret ħwejjiġha u, wara li fetħet qalbha ma' ommha u wrietha l-ħsieb tagħha u rat li ma qaltilhiex le, marret għand xbintha Zolli, ftiehmet magħha u telqet għall-Belt fejn mhux wieħed u tnejn mill-imgħallmin tal-ħwienet tal-baħrin kienu talbu lil Zolli biex tiksbilhom xi xbejba tal-ħwienet u jekk jista' jkun lill-filjozza tagħha. Il-lejla ta' dak in-nhar stess, Trejżi jew Tessie, kif dlonk saru jsejħulha u jafu biha, dehret bil-lbies imqaċċat, b'xagħarha kollu innukklat u maqtugħ qasir, b'xuftejha miżbugħin mil-lewn il-qroll, u bil-par ħoloq kbar imdendlin ma' tarf widnejha, f'wieħed mill-bibien tal-ħwienet tax-xorb tat-trieq id-dejqa flimkien ma' xi tnejn minn sħabha tistieden bil-ħarsa tagħha lil xi suldat jew parruċċani oħra għal ġewwa l-ħanut. Iżda, Trejżi, dik il-lejla ma kenitx f'sikkitha, u kull tbissima ta' fommha ma kenitx taqbel man-nar mitfi ta' għajnejha.

Il-għada fil-għaxija, madankollu, wiċċha kien ħa xi ftit tad-dawl; ma' ġenbha f'rokna tal-ħanut kellha lil Freddie li fin-nofs ta' nhar mistrieħ li kellu, kien mar iżurha fil-ħanut fejn hija bagħtet tgħidlu bil-miktub li qiegħda taħdem bħala "barmaid".

* * *

Il-għada ta' l-ewwel attakk tal-għadu mill-ajru kif semmejna, Trejżi telqet mill-ħanut tax-xorb f'waħda mit-triqat dojoq tal-Belt lejn ir-raħal għax kienet fuq ix-xwiek biex tkun taf x'sar minn ommha u ħuha. Hija u sejra fuq ix-char-à-banc semgħet min igħid u jistagħġeb bil-ħsarat li saru fl-inħawi u ġewwa l-qalba tar-raħal tagħha. Malli rifset l-art fit-trufijiet ta' bejn żewġt irħula, u qabdet it-trieq li tagħti għal ġewwa r-raħal, b'qalbha ttaqtaq u b'nifsha maqtugħ, xeħtet il-ħarsa tagħha 'l hawn u 'l hinn biex tfittex xi sinjal ta' xi ħsara milli semgħet igħidu.

Ix-xemx kienet ilha xi siegħa li telgħet u—fejn dari kont tara dak il-ħin xi bidwi fuq il-qiegħa jidres il-qamħ jew fir-raba' jaħrat bil-bhima, jew inaqqax fil-gifun tas-swieqi jew tisma' ż-żaqżiq tas-sienja ttalla' l-ilma—dak in-nhar l-egħlieqi kienu baħħ, kien donnu għadu ma sebaħx, u xejn ma kont tisma' ħlief xi dubbiena żżanżan mal-ħajt tas-sejjieħ taħt xi siġra tat-tin u l-arloġġ tar-raħal idoqq

b'leħen li f'dik il-ħemda kien jinħass iżjed sħiħ u jdamdam iżjed mis-soltu.

Hekk kif waslet f'salib it-toroq qabel ma tikser għat-trieq li tagħti għall-misraħ tal-knisja, Trejżi waqqfet il-ħarsa tagħha fuq il-kantuniera ta' bini mwaqqa'. Kien il-ħanut ta' Grezzju l-Għannej fejn għal fil-għaxija ħuha flimkien ma' oħrajn tar-raħal kien bejn terz inbid u ieħor iqatta' xi siegħa jitħaddet jew jedha jilgħab il-karti. Ġebel, twieqi, bieb, bank, mejda u fliexken kien kollox borġ wieħed. Mitt ħsieb għaddielha minn rasha! "Min jaf ħija?— Min jaf?..." bdiet taħseb. Sew dak il-ħin infetaħ bieb kbir ta' remissa qadima jżaqżaq fuq l-egħrieqeb. Kien ix-xwejjaħ Ġawdenz tal-Għoqdi, il-bidwi, ħiereġ bil-bagħal u warajh ibnu l-miżżewweġ jiġbed il-karrettun. Wara ftit dehret il-mara t'ibnu b'tarbija fuq dirgħajha u tifel ta' sentejn iżżommlu idu. Trejżi ġriet għal fuqha: "X'waħda din, Ann! Xi ħsara! X'ħerba!"—"Iva, Trejż, il-Bambin ried li kien għadu l-ħin—it-tlieta ta' wara nofs in-nhar—u Grezzju kien għadu ma fetaħx il-ħanut. Il-bomba ġiet fuq is-setaħ u niżlet sa qiegħ il-bir. Aħna konna fuq il-qiegħa. In-nies tal-ħara twerwret. Ġejna niġru d-dar; bibien u twieqi miftuħin, ċaċċis imtajjar, injam u ħġieġ imkisser. X'ġenn! Nies igħajtu, tfal iwerżqu u jibku"—"Xwaħda din! X'kellna naraw Ann. U fejn hemm iżjed imwaqqa'?" — "Sew sew ma nafx, Trejż. Inħossni niexfa u mibluha! Igħidu li wara l-knisja ġġarraf xi razzett u għorfa fi Sqaq ir-Rummiena." —"Bogħod xejn mid-dwejra tagħna?" — "Ruħi, Trejż, ma nafx ingħidlek. Mill-bieraħ 'l hawn ma xriftx mill-għatba 'l barra. Naf li n-nies tar-raħal nofsha telqet, min għar-Rabat, min għal raħal u min għal ieħor. Aħna wkoll għamilna l-ħsieb inwarrbu, għalkemm ix-xogħol tar-raba' u tal-qiegħa jżommna. X'tagħmel?—Wieħed jiskansa kemm jista'. Ili mill-bieraħ niġbor il-ftit ħwejjeġ tal-bżonn"; u kif Anni qalet hekk resqet ħalqha f'widnejn Trejżi, u sefsfitilha: "...għandi xi ħajta deheb, ngħidlek is-sewwa, qlajtha minn fejn kienet u sa nġorrha miegħi". — "U fejn sejrin, Ann?" — "Għand nies ir-raġel, Ħaż-Żebbuġ, sakemm naraw id-dinja kif taqleb... Sa nidħol sa gewwa għax ħallejt l-istanjata tal-kafè fuq in-nar; għadna b'xejn, lanqas sabar nitrejqu; u għad għandi dik it-tagħbija għal fuq il-karrettun" u kif qalet hekk, Anni sellmet lil Trejżi; din qaltilha "Saħħa... il-Bambin jieqaf magħna." u telqet tħaffef il-pass lejn il-misraħ.

Il-knisja kienet magħluqa; fuq iz-zuntier ħadd; ħwienet u djar kollha mitbuqin,—ma kontx tara ħlief xi kelb magħlub

imgeddes wara xi bieb, li mal-passi ta' bniedem għaddej italla' rasu u jħares b'għajnejn tal-ħniena, u ma tismax ħlief il-għajta ta' xi qattus wara l-ħadid tat-twejqa ta' xi kantina jnewwaħ u jdur. Trejżi kisret għal wara l-knisja u ġibdet għat-trieq id-dejqa fejn fit-tarf kienet toqgħod ommha. Dik it-trieq kienet tilwi għat-trieq il-wiesgħa li qalb il-beraħ tal-għelieqi tieħu għal raħal ieħor. Ħadd mill-ġirien ma kien jinstama' leħnu, ebda ħoss ta' bhejjem fl-imqawel li bihom kienet mimlija dik il-ħara; lanqas it-taħbit tan-newl tax-xwejħa Mariroż li kont tisimgħu dejjem sejjer minn x'ħin jisbaħ sakemm jidlam. Iżda hekk kif qorbot lejn bieb darha tisma' ċ-ċempil ta' nwieqes ta' merħla ġejja minn wara l-minkeb ta' tarf it-trieq u l-għajta ta' "Dza 'l hemm il-belqa!", leħen mhux ġdid għal widnejha, għalkemm kienet ilha ma tisimgħu—leħen li f'dik il-ħemda u taqtigħ ta' qalb ħassitu bħala leħen ta' ħabib għażiż u ħanin. Waqfet tissamma'. Il-leħen siket, iżda feġġet il-merħla u quddiemha l-kelb ta' Barbarija ta' Ġanni u, wara ftit, deher huwa wkoll. Ħasset bħal kesħa f'qalbha. Inħasdet, indehxet. Ġanni talla' rasu u quddiem dik ix-xbieha—li dak il-ħin ta' waħx, ta' niket u hemm dehret bħal dell ta' l-isbaħ u l-egħżeż żmien ta' xbubitha, il-lum imgeżwer ġewwa sħaba l-aktar sewda—quddiem dik ix-xbieha, ħass leħen qawwi ġewwa qalbu li qajmu mid-dgħaben ta' l-imgħoddi u ġagħlu jħoll ilsienu u jaħfer dak il-ħin lil dik li kienet ħasditlu l-ħena ta' ħajtu u ħallietlu ġerħa f'qalbu li ż-żmien ma jistax ifejjaq.

"Trejżi!" għajjat Ġanni hekk kif waqaf għal għarrieda.

"Ġanni!" għajtet ukoll Trejżi bla ma riedet u għaddset rasha għaliex stħat turi wiċċha li kien tbiddel minn dak iż-żmien li kienet tkellem lil Ġanni, u mesħet xuftejha għax ftakret li kif qamet ħarġet bla ma lanqas ħaslet wiċċha.

"X'ġiebek?"

"Ġejt nara x'għadda minn ommi u ħija."

"Ommok u ħuk telqu l-bieraħ mal-ġirien."

"Fejn?"

"Ir-Rabat, qalu, f'xi għorfa ta' razzett, l-Għeriexem."

Trejżi dehret ħosbiena, u wara ftit: "Min jaf x'ġarrew magħhom?—Ikolli nidħol u niġbor ħwejġi"—

"X'ġarrew ma nafx sewwa; naf li telqu għal għarrieda u ma setgħux ħadu magħhom ħlief ħwejjeġ żgħar u tal-bżonn."

"U int?"

"Jien għalissa għadni hawn. Omm il-mara marida u ma nistax nitħarrek."

"Il-Bambin isabbrek", temtmet Trejżi. Qalbet għajnejha fuq Ġanni u dlonk reġgħet baxxiethom fil-waqt li tħarrket bħalkieku biex taħrab mill-ħarsa tiegħu u minn kliemu. Ġanni għaddas rasu wkoll, u "Selli għal ommok", qal minn taħt ilsien, u ġibed 'l isfel. Trejżi waqfet tħares lejn Ġanni sejjer ħosbien isuq il-merħla u malli għab u waslet quddiem il-bieb ta' dar ommha daħħlet idejha fil-qoffa li kellha f'idejha, bħalma kienet tagħmel meta kienet f'dar ommha r-raħal, iżda dlonk intebħet li l-muftieħ tad-dar ma kienx għandha. Qagħdet ħosbiena għal ftit, imbagħad f'daqqa waħda, bħal ġieha ħsieb f'rasha, daret minn tarf it-trieq, għaddiet tgħaġġel minn ġo mogħdija, fetħet xatba, ġiet ġewwa għalqa tal-bajtar tax-xewk, qabżet ħajt baxx tas-sejjieħ, ġiet ġewwa mandra, daħlet ġewwa maqjel li kien mimli bit-tjur u issa battâl, telgħet fuq maxtura, tawlet idha l-lemenija għal fuq il-ħoġor ta' twejqa u minn hemm ħatfet muftieħ, niżlet, ħarġet mill-maqjel, resqet lejn bieb ta' wara d-dwejra, daħħlet il-muftieħ fit-toqba tas-serratura, dawritu u l-bieb infetaħ. Dlam ċappa; kollox magħluq u mitbuq. Bdiet itteftef b'idejha sa ma sabet il-bieb li kien jagħti għall-kamra tar-rqad fejn ġewwa senduq kellha ħwejjiġha. Tellgħet il-lukkett u fid-dwal ta' daqsxejn ta' lampa li kienet għadha itteptep quddiem ix-xbieha tal-Madonna tad-Duluri, fetħet it-tieqa li kienet tagħti għal ġenb wieħed tal-għalqa, fetħet is-senduq, ġabret dehebha, għamlet sorra ħwejjeġ u ħabtet sa toħroġ, iżda ħasset x'jiġbidha lejn dik ix-xbieha Mqaddsa tal-Madonna li lejha minn dejjem kellha l-akbar qima. Dak il-wiċċ dehrilha li kien waħdu fid-dinja li kien qed jixxierek magħha fit-taħbila u d-dwejjaq li fihom kienet tinsab, u ħasset bħal faraġ li qatt qabel ma kienet ħassitu f'ħajjitha, fetħet armarju, qalgħet flixkun taż-żejt u ferrgħet għal ġewwa t-tazza: id-dija tal-fjamma ċkejkna kibret minnufih madwar ix-xbieha li qatt ma dehritilha hekk ħelwa u ħanina; qagħdet għar-rkobbtejha, talbet u talbet bi ħrara sabiex dik l-Omm tal-Ħniena tieqaf magħha, m'ommha, u ma' ħuha f'dawk is-sigħat hekk koroh u tal-biża' li kienu għaddejjin minn fuqhom u, fil-waqt li wegħditha li għandha titbiegħed mill-frugħat u t-tiġrib tad-dinja, qelgħet l-inkwatru tal-Madonna, mesħet xuftejha għal darba u tnejn u bieset u reġgħet bieset wiċċ il-Madonna, u qegħditu mill-ġdid bil-qima kollha fuq il-gredenza. Qamet, għalqet it-tieqa, qabdet is-sorra, ħarġet mill-bieb tal-mandra, sakkret,

tefgħet il-muftieħ fil-qoffa ta' idejha, qabżet iċ-ċint tal-ħajt, fetħet ir-rixtellu, għaddiet mill-mogħdija, ġiet għal fuq it-trieq, u telqet biex tmur issib 'l ommha u 'l Ħuha fil-għorfa tal-Għeriexem.

* * *

Hekk kif niżlet mix-char-à-banc tar-Rabat għal fuq is-Saqqajja staqsiet minn fejn tgħaddi għall-Għeriexem lill-ewwel mara bil-qoffa tal-bajd f'idejha li ltqgħet magħha u li minn suritha u bixritha dehritilha li hi minn dawk l-inħawi, ġibdet lejn it-trieq tal-Knisja ta' Sant'Wistin u ħadet ir-rotta li minn ta' Duna tieħu għall-Għeriexem. Hija u miexja fi trieq kollha djar qodma u xi razzett 'l hawn u 'l hinn, tilmaħ lil wieħed mill-ġar tagħhom, bejjiegħ it-tjur, waqqfitu u, wara ħafna mistoqsijiet lil xulxin u aħbarijiet fuq li ġara r-raħal u bnadijiet oħra, saret taf li ommha kienet qiegħda f'għorfa ta' razzett fejn knisja ċkejkna qalb l-egħlieqi 'l hinn mit-trufijiet tal-bini u li Ħuha kien daħal xriq ma' wieħed mir-raħal, Kieli t-Trux, li wara dik it-taħbila kollha kien telaq ma' l-oħrajn bil-merħla tiegħu u ħadha f'dak ir-razzett. Ħuha, Lonzu, tifel bieżel, ħawtiel u għaqli dlonk intafa' għax-xogħol, idur bil-mogħoż, jirgħahom u joħroġ ibigħ il-ħalib ir-Rabat u l-Imdina fejn kotra kbira ta' nies mit-tlitt ibliet u mill-irħula tan-naħa tal-Lvant tal-Gżira kienet ġiet tistkenn wara li ħalliet lil darha.

Trejżi nġabret fil-għorfa m'ommha u ma' Ħuha. Dawn kienu diġà ħasbu biex jibagħtu jgħarrfuha biċ-ċaqliq tagħhom minn darhom hekk ħabta u sabta ma' Zolli, xbintha, li kienet nieżla l-Belt li kieku dik il-għodwa ma laħqux rawha ma' wiċċhom.

L-ewwel attakki ħorox fl-inħawi tal-port u t-tlitt ibliet kienu ħallew lil Trejżi bħal mibluha fuq dak li ġarrbet hi stess u fuq dak li rat ir-raħal u semgħet. Wara xi ġimgħa li marret tinġabar m'ommha fl-Għeriexem, bis-serqa u b'ħafna taqtigħ ta' qalb, niżlet il-Belt tittawwal titwila u saret taf li l-ħwienet tax-xorb, biċċa kienu għalqu, u oħrajn jiftħu wara nżul ix-xemx u jarġgħu jagħalqu kmieni. Il-ħanut fejn kienet taħdem hi kien għadu magħluq u aħbar Freddie ma kellhiex ħlief wara xi tliet ġimgħat minn waħda minn sħabha li ratha r-Rabat u li kienet daħlet taħdem f'ħanut ieħor f'dik it-trieq id-dejqa fejn Freddie mar għal darba u tnejn bit-tama li jiltaqa' ma Tessy, imma mbagħad ma żiedx mar iżjed għax, milli jidher, qata' qalbu li jsibha.

Trejżi għall-ewwel sewdet qalbha u għamlet il-ħsieb li tmur taħdem f'dak il-ħanut bit-tama li tarġa' tiltaqa' ma' Freddie, iżda l-waqt ikreh li minnu kienet għaddiet raġġagħha mill-ħsieb u bħal tkexkxet taħseb jekk, Alla jħares qatt, kellha tiġri xi diżgrazzja lil ommha jew lil ħuha fil-waqt li tkun barra mid-dar bla ma tista' tagħtihom għajnuna, u jkollha xogħfa hekk kbira għal ħajjitha kollha, ħtija tal-frugħat tagħha; għax wara kollox, bil-flieles kollha li kellha f'rasha, Trejżi kienet marbuta ma' darha u mrobbija fil-biża' t'Alla.

Trejżi, barra milli ddur dawra mal-għorfa, tagħmel il-mifrex u ssajjar, kienet ukoll tgħin lil ħuha jagħlef u jisqi lill-bhejjem, għax ommha li kienet qalbet is-sittin, wara marda twila ta' deni biered, beqgħet fjakka minn qalbha u ma tiflaħx għax-xogħol tad-dar. Iżda xi biċċa xogħol oħra barranija u ta' qligħ il-flus ma kenitx tirruftaha. Għall-ewwel kien hemm min ħajjarha tidħol taqdi lil xi familji Ingliżi l-Imtarfa, iżda, biex ma' xi teftifa xogħol oħra tkun tista' tilħaq mad-dar, indaħlet ma' oħra minn sħabha tar-raħal għall-ħasil biss tal-ħwejjeġ tas-suldati l-Imtarfa fejn kienet tmur darbtejn fil-ġimgħa. U billi kienet laħqet tgħallmet erba' kelmiet bl-Ingliż sewwa, hemmhekk kienet indieħset f'xi ħanut tax-xorb fejn ma' tul in-nofs ta' nhar kienu jiltaqgħu xi erba' suldati, tnewlilhom xi tazza birra u b'hekk iddaħħal xi pirkaċċi.

Għeluq is-sajf il-qilla ta' l-attakki tal-għadu mill-ajru kienet bdiet turi li naqset u biċċiet min-nies li kienu laħqu ħallew lil darhom u ġarrew ħwejjiġhom u marru jistkennu f'xi kamra ta' dar jew dwejra ta' nies oħra, f'xi għorfa, f'xi kantina, f'xi knisja u qadima qalb ir-raba' u saħansitra f'xi kannierja, kienu ħadu nifs qawwi u ttamaw li ma' dħul ix-xitwa jkunu jistgħu jurġgħu jinġabru lejn darhom. Il-bombi tal-għadu kienu 'l hawn u 'l hinn ħallew sinjali ta' ħirba ta' djar, għorof u rziezet f'xi nħawi ta' madwar it-Tarzna u f'xi rħula ta' madwar furtizzi u ajrudromi; iżda għal ħabta tal-ħarifa waqgħet bħal ħemda; it-tvenvin ta' ajruplani tal-għadu u t-tfaqqigħ tal-balal tal-kanuni mill-art u tal-mitralji mill-ajru kienu donnhom waqfu għalkollox bħal meta, wara l-istaġun tal-passa tal-għasafar tal-kaċċa ma jibqax jistama' kmieni fil-beraħ tal-għelieqi l-isparar, wieħed wara l-ieħor, ta' l-ixkubetti tal-kaċċaturi. Xi ħadd ħaseb li dik kienet bħal ħemda qar-rieqa u iktarx li ma ħasebx ħażin.

Ix-xewqa li tarġa' għal darha kienet ukoll tnisslet fi Trejżi billi 'l ommha kienet taraha ma tiflaħx u magħdura,

barra minn darha, fil-waqt li l-qraba, il-ħbieb u ġirien li bihom setgħet titwennes u jkollha xi għajnuna minnhom biex jagħtu daqqa ta' għajn 'l ommha kienu, tista' tgħid, kollha imxerrdin jew imbegħdin. Fettlilha, għalhekk, għeluq il-ħarifa u l-bidu tax-xitwa tinżel niżla r-raħal ma' waħda mill-ħbieb tagħha u trewwaħ il-kmamar li kienu ilhom magħluqin għal ħames xhur sħaħ. F'dan iż-żmien kollu r-raħal ma kienx fadal wisq nies, ħlief xi raħħâl, xi bidwi u xi erbgħa min-nies, xjuħ li ma kellhomx fejn imorru jgħixu biex jaħarbu mill-ħsara ta' l-attakki tal-għadu. Dawn kienu billejl jistkennew fil-garagor tal-kamqnar jew jidħlu jorqdu filkannierja tal-knisja. Fit-trufijiet tar-raħal kien hemm ittined tas-suldati. Fil-misraħ ebda ruħ u ma kontx tara dieħel il-knisja ħlief il-kappillan, is-sagristan u lid-deffien. Ħwienet ebda wieħed miftuħ.

Iżda meta Trejżi niżlet iżżur lid-dwejra tagħhom sabet li r-raħal kien beda jarġa' jitgħammar b'xi nies li kienu twarrbu —xi ħanut beda jiftaħ fil-għodu u jagħlaq kmieni wara nofs in-nhar biex sidu jmur jinġabar ma' niesu li kienu għadhom igħammru 'l bogħod. Xi karettun mgħobbi bilgħamara miġbud minn xi ħmara jew bagħal kien dlonk jidher wieqaf u jħott quddiem xi bieb. Xi nies kienu reġgħu ġew biex igħammru f'darhom. Fil-misraħ, u 'l hawn u 'l hinn f'xi triqat tar-raħal, kienu tħaffru ġol-blat mas-seba' qasab lisfel mill-wiċċ tat-trieq xi postijiet tal-kenn għallattakki tal-għadu mill-ajru, illi n-nies drat is-sejħilhom bl-isem Ingliż ta' *shelters* jew fuq ix-xeħta maltija bl-isem ta' *xeltrijiet* jew *xejtrijiet*. Id-daħliet tagħhom biċċa kienu għadhom mikxufin u oħrajn mibnijin u msaqqfin b'saqaf talkonkos. Minn xi oħrajn li għadhom jitħaffru jew jitwessgħu tara l-ħaddiema ħerġin, imgħobbija, biċċa bilqfief tat-terrapien u mazkan, u oħrajn bil-ġebel maqtugħ. Dawn ix-xeltrijiet kienu tħaffru b'ħeffa kbira f'dawk l-inħawi fejn kienet saret l-ewwel u l-akbar ħsara u ħajru n-nies tar-raħal biex tarġa' għal darha.

Fil-Belt bdiet ukoll tidher tiċċaqlaq il-ħajja ta' dari u xi ħwienet, l-iktar tax-xorb, reġgħu nfetħu u qabdu jħawtlu fin-negozju tagħhom u t-toroq jiżegħdu bin-nies u l-mina tal-ferrovija l-qadima titbattal minn bosta minn dawk li kienu jgħixu fiha u jarġgħu għal darhom. Il-ħwienet tattrieq id-dejqa reġgħu għal fil-għaxija jsemmgħu d-daqq tal-banda "Jazz" bit-taħbit tat-tanbur u tal-plattini tar-ram mħallta mal-għana tas-suldati u tal-"barmaids" li malli titbexxaq il-purtiera tal-bieb tal-ħanut kont tarahom qishom

ħafna friefet għal fuq dak is-suldat u l-ieħor f'baħar ta' dwal imsaħħab bid-dħaħen tat-tipjip.

Għalhekk wara xi jumejn li kienet marret tiftaħ u trewwaħ id-dar tar-raħal, Trejżi reġgħet niżlet ir-raħal għal kollox flimkien m'ommha u ħuha, insiet il-biża' tal-waqtijiet koroh li d-dinja kienet għadha tinsab fihom, in-nofs wegħda li għamlet f'qalbha li tibqa' tgħix miġbura f'dar ommha, u malli rat li ommha reġgħet ħadet ftit tar-ruħ u xbintha serrħitilha rasha billi wegħditha li għandha tieħu ħsieb ommha u torqod il-lejl magħha għal wens u għal dak li jista' jinqala', hija dlonk għamlet il-ħsieb li tarġa' għal ħajja ta' qabel u tidħol bħala "barmaid" fil-ħanut li fih kienet qabel. Ir-riġment ta' Freddie kien siefer għaċ-Cirinajka u l-ħajra tagħha kienet, għalhekk, imqanqla iktarx mix-xewqa li tikser ir-rotta ta' ħajja waħda u d-derri d-dwejjaq ta' dawk iż-żminijiet milli biex tarġa' tinseġ xi ġrajja oħra ta' mħabba ma' xi suldat.

* * *

Kienet bilkemm ilha xahar taħdem ta' "barmaid" f'dak l-istess ħanut fejn fil-bidu tas-sajf ta' dik is-sena kienet ġarrbet il-biża'u l-ħasdiet ta'l-ewwel attakk fil-għodu u dawk, iżjed ħorox, ta' dak in-nhar fil-għaxija — meta kellha hekk għal għarrieda bla ebda ħsieb ta' xejn iġġarrab wieħed eħrex u iżjed qalil li ħasad u riegħed il-belt u l-inhawi kollha ta' mal-Port il-Kbir, bl-Isla, Bormla u l-Birgu.

Fil-ħin ta' l-ewwel sigħat ta' wara nofs in-nhar, meta l-ħajja tal-belt kienet qiegħda tistenbaħ mill-ħedla ta' l-ajru fietel ta' nofs in-nahar xitwi u tithejja biex tiċċaqlaq u tistgħall il ftit sigħat ta' dawl li kien baqa' mill-jum ta' dak in-nhar, il-ħwienet tat-trieq id-dejqa fil-qalba tal-belt kienu diġà miftuħin beraħ u x-xebbiet tal-"bar", min min-sub fuq il-għatba, min bilqiegħda fuq banketta, ma' ġenb mejda, min f'nofs il-bwejba b'dirgħajhom miftuħin u b'idej-hom imqabbdin mal-koxox tal-bieba, b'ilbies imqaċċat u jistiednu lil xi suldat li jkun għaddej bid-daħka f'fommhom.

Trejżi tagħna kienet ukoll fost tlieta minn sħabha tlellex b'ilbiesha mqaċċat li għal xi xhur kienet uriethom id-dlam ġos-senduq ta' taħt is-sodda fid-dwejra tar-raħal, iżda d-daħka ta' fommha kienet minn xi żmien 'l hawn tbiddlet fi tbissima mitfija taħt għajnejn suwed miksurin; xi ħsieb 'l hawn u 'l hinn kien idellel il-ħarsa tagħha.

Kien sew sew fil-waqt li Trejżi kienet mixħuta b'nofs ħajra fuq banketta ħdejn waħda mill-imwejjed tal-ħanut

ittanbar fuq il-wiċċ tal-mejda b'subgħajha ta' idejha ix-xellugija, u b'rasha mmejla fil-keffa ta' idejha l-lemenija, meta f'daqqa waħda bħal berqa fuq ix-xefaq ta' sema ta' lejla sabiħa tas-sajf, instemgħet tniffed l-ajru l-għajta newwieħa tas-sirena. Trejżi qajmet rasha; tnejn minn sħabha li kienu jiċċaċċraw u jiddieħku f'rokna siktu f'daqqa waħda u waqqfu widnejhom. Waħda minnhom li kienet fil-bieb "Dan x'kien staqsiet?" "X'ħolmu bina?"--iżda ħadd ma stenna ebda attakk qawwi wara l-ħemda ta' l-aħħar xahrejn— u kulħadd, bħal ma kien ħadha bi drawwa, baqa' jagħmel ix-xogħol tiegħu, b'moħħu mistrieħ iktarx kont tarah joħroġ jittawwal u jarfa' ħarstu lejn is-smewwiet u jistħarreġ b'għajnejh lejn dik in-naħa minn fejn kienet tinstama' ż-żanżina ta' l-ajruplan.

L-għajta mkaxkra tas-sirena kien ilha li siktet x'ħin f'daqqa waħda infetaħ in-nar tal-kanuni kollha tal-fortizzi ta' madwar il-plajjiet u tad-daħla tal-port bi tfaqqigħ hekk qawwi li l-bini theżheż u l-bibien bil-paranti tat-twieqi bdew jiċċaqalqu u l-ħġieġ kollu jitriegħed. Wara ftit, mewġa wara l-oħra ta' ajruplani tal-għadu bi ħsejjes ġodda ta' twerdin, tvenvin u żanżin li jwaħħxu, jkexkxu u jkessħu d-demm ta' kull min samagħhom fuq rasu għaddiet fil-baxx tiknes l-ajru ta' fuq il-bjut tad-djar. Dlonk instama' it-tisbit ta' twieqi u bibien jingħalqu hekk kif inħass it-tpaqpiq tal-balal u tal-mitralji minn fuq l-ajruplani għal fuq bini u triqat l-isparar qawwi ta' kanuni fil-qrib u, wara ftit, it-tisfira ta' bomba, imbagħad ta' oħra, u wara ftit ta' oħra, li b'ħoss idamdam waqgħu mhux bogħod mill-qalba tal-belt—ħoss li riegħed il-bini u l-art ġewwa l-ħanut. Il-ħitan dehru jixxejru u l-armatura bil-fliexken jiċċaqalqu u t-tazzi ta' fuq il-bank jinqalbu. Ix-xebbiet tal-"bar" inħasdu, waqfu miċċaċċrar, wiċċhom sfar daqs il-qarsa tax-xema', ħarsu lejn xulxin; Trejżi, kollha imwerwra, qabżet minn fuq il-banketta twieżen lis-suldat li kien bilqiegħda fejnha bit-tazza tal-birra quddiemu, u li mad-damdima mlaħlaħ kif kien bix-xorb inqaleb għal fuqha u kien għoddu mar fl-art li ma laqgħetux bil-ftit tas-saħħa li kien fadlilha.

"*Curse the Huns and Mussolini*!" gerger is-suldat fil-waqt li fettex jieqaf fuq saqajh, jixxengel 'l hawn u 'l hinn. "X'waħda din! X'ifaqqgħu l-balal u l-bombi! Qatt ma nħassu daqs il-lum! Il-Madonna tal-Karmnu tħarisna!"—Bdew igħidu mismutin dawk ix-xbejbiet. Trejżi, malli wieżnet u għenet lis-suldat joqgħod bilqiegħda f'rokna tal-ħanut, raddet is-salib, għaddset rasha u bdiet tgedwed it-talba lill-Madonna li minn xi ftit żmien kienet tgħallmet

l-Għeriexem fejn in-nies tal-ħara taghha kienu jgħiduha kull lejla wara r-Rużarju. Wara ftit siket kollox, iżda f'daqqa waħda mewġ'oħra ta' ajruplani nstemgħet rieġa' dieħla tvenven u taqsam l-ajru fil-baxx b'żanżin ta' riħ qawwi li donnu ried iħebb għall-bini u jġarrfu; warajh xita ta' balal jċaqċqu waħda wara l-oħra. Wara ftit raġa' siket kollox u xejn ma nstama' iżjed, bħal mita fuq il-plajja jiskot il-mewġ qawwi tal-baħar malli jaqa' r-riħ u tarġa' l-ħemda bil-waħx tal-qirda li ħalliet warajha l-qilla ta' l-irwiefen.

Dak in-nofs ta' nhar u dik il-lejla Trejżi u sħabha tal-ħanut għaddewhom fil-bieb ma' oħrajn ta' ħwienet oħra ta' ħdejhom jlabalbu fuq il-ħsarat li saru mill-"blitz" ta' attakk bl-ajru li għall-ewwel darba kien sar dak in-nhar fuq il-gżira mill-Ġermaniżi.

Trejżi kellha mitt sena sakemm jisbaħ l-għada u titlaq għar-raħal għand ommha biex tara jekk safax kollox bis-sliema wara attakk hekk aħrax. Malli sebaħ ġabret il-ftit ħwejjeġ li kellha, għamlithom ġewwa l-qoffa ta' l-idejn, telqet u għodu għodu sabet ruħha wara bieb ommha tħabbat,

Ix-xemx kienet ilha mas-siegħa li telgħet, iżda t-trieq kienet baħħ, il-biċċa l-kbira tar-rġiel li jbigħu l-ħalib kienu għadhom bil-merħla barra, oħrajn fil-għalqa u xi nisa ġewwa bit-tfal li għadhom reqdin. Waħda mill-ġirien fetħet it-tieqa. Kienet Ketrin il-mara ta' Ġakbu, il-Ġennien tal-Baruni. "Ara Trejżi; mit-taħbita ħsibtu li int!" infexxet tgħid lil Trejżi, "Mn'Alla li ġejt, għax ommok kienet bi ħsiebek u ħuk kien ġej għalik. X'waħda din u x'waħda din! Ħadd ma raqad, kulħadd imwerwer. Id-dar ta' Ġanni, ir-raħħâl, weqgħet!"

"Weqgħet ?! Kif ?! Meta ?!" Staqsiet Trejżi mgħaġġba bla ma ħallietha ttemm kliemha. U hawn infetaħ il-bieb u xirfet ommha, rasha mgħottija b'xalla, b'għajnejha miksurin, b'wiċċha musfar, u b'daqsxejn ta' rogħda fuqha. Għajnejn Trejżi, li kollha mibluha kienet qiegħda tistenna l-ġara tweġibha, dlonk inxeħtu fuq wiċċ ommha u bil-ħarsa wieqfa fuq tagħha donnha riedet tisraq u tkun taf minn għajnejh ix-xiħa il-għala kienet tidher hekk magħdura.

"Saħħa Ketrin! Imbagħad ngħaddi narak" qalet bil-għaġla Trejżi lill-ġara, mingħajr ma stenniet tweġiba u daħlet ġewwa m'ommha.

Omm Trejżi, wara dak it-taħbit u tbatijiet li ġarrbet minn meta kellha tiċċaqlaq minn darha u tmur barra mir-raħal tgħix għal xi żmien f'dar oħra, ħasset saħħitha dejjem

tonqosha, u bilkemm felħet tħarrek riġlejha meta fl-attakk aħrax tal-għadu tal-ġurnata ta' qabel wara nofs in-nhar il-ġirien gew iħabbtulha u niżżluha magħkom fix-xelter ta' tarf it-trejqa tal-misraħ. Dak il-ħin binha kien fir-raba' tal-barba Gawdenz u kellu jmur jistkenn ġewwa girna. Għal fil-għaxija, biex ma toħroġx minn friexha u barra minn darha bil-lejl, jekk qatt kellu jinqala' attakk ieħor u ma teħux kedda, kien ġarrilha saqqu tat-tiben bil-firxa u l-għata, u dak il-lejl kienet imteddet fuqhom ġewwa rokna tax-xelter. Iżda l-għada ma sebħitx f'sikkitha, ħasset bħal tkex-kixa bard ma' ġisimha kollu u nifisha maqtugħ u, dak il-ħin li waslet Trejżi, ma kenitx ilha li reġgħet lejn darha wara li sebħet fix-xelter.

Trejżi, wara li ġagħlet 'l ommha tmur timtedd u tistrieħ u għattietha tajjeb, kebbset in-nar, raddet il-borma; wara ftit ittawlet 'l ommha u sabitha rieqda, iżda nifisha maqtugħ u tqil u moħħha jaħraq; fetħet kisknijiet il-bieb ta' barra, ħallietu mbexxaq u marret tħabbat il-bieb tal-ġara Ketrin, għax kienet fuq ix-xwiek biex tkun taf sewwa xinhu li ġara fuq id-dar imwaqqgħa ta' Ġanni, billi lil ommha f'dik it-taħbila ta' ħass ħażin ma kienx il-waqt li toqgħod tistaqsiha.

"Ġanni kien dak il-ħin bil-merħla tiegħu f'xifer il-wied tal-Ħarruba fejn il-Barumbara taż-Zejtuni f'tarf ir-raħal u malli ħass dik il-ġliba ġfien ta' l-ajru ireddnu fuq rasu u jwaddbu dik ix-xita ta' balal u nirien, telaq jistkenn bil-merħla tiegħu ġewwa r-razzett ta' Ġamri tad-Dobri li kien fil-qrib. Kif taf int, din ix-xaqliba tagħna li taqleb għal fuq l-inħawi ta' l-ibliet messitha wkoll xi sehem ċkejken mill-ħebba tal-għadu — u fost il-bombi li waqgħu, biċċa fl-egħlieqi ta' tarf ir-raħal u xi tnejn qalb il-bini—waħda ġiet fuq fil-bitħa tad-dar ta' Ġanni. Martu dak il-ħin kie-net taħsel il-ħwejjeġ fis-setaħ u ommha mixħuta fis-sodda tistrieħ. Sew waħda kemm l-oħra, milli jidher ma kellhomx żmien jitħarrku minn fejn kienu, jew ma basrux bil-qilla ta' dak l-attakk u tnikkru; naf li mal-waqgħa tal-bomba d-dar sfat gozz ġebel u l-omm u bintha ntradmu taħt iċ-ċnagar ta' ħitan, travi u xorok ta' l-isqfa, u minnhom ma nsab xejn ħlief il-ġisem, bir-ras u s-saqajn imtertqa."

Hekk qalet Ketrin lil Trejżi li qagħdet tisma' minsuba fuq l-aħħar għatba tat-taraġ tal-għorfa fil-bitħa tad-dar tal-ġara, b'għajnejha mberrqin u b'widnejha miftuħin.

"U Ġanni?—" staqsiet Trejżi.

"Ġanni," wieġbet Ketrin, "inħallik taħseb il-ħasda u l-għalja li ħa hekk kif sar jaf bil-hemm li f'daqqa waħda waqa' fuq daru. Nies ommu dlonk bagħtu lil wieħed mill-ġirien jilqgħuh f'tarf ir-raħal u jagħtuh il-bxara ftit ftit qabel ma jasal f'daru, iżda malli tarrfulu li daru ġġarrfet u li l-mara u ħtintu jinsabu taħt ir-radam ta' ġebel, u li hemm iktarx xi tama li jaqalgħuhom ħajjin, dan bħal barra minn sensih, telaq jiġri, ħalla l-bhejjem warajh, u hekk kif wasal quddiem dak il-gozz ġebel, qasam il-kotra tan-nies, u b'idejh ġewwa xagħru nfexx igħajjat u jibki bħal tarbija u jsejjaħ lin-nies jaqalgħulu lil martu u jġibuhielu ħajja jew mejta..."

Trejżi mibluha, bid-dmugħ f'għajnejha ma fetħetx iżjed fommha; ħbiet wiċċha, u bil-kelmiet ta' "Msejken Ġanni, imsejkna martu! Alla jagħtih is-sabar!" ħarġet minn dar il-ġara biex tagħti daqqa ta' għajn lil ommha li kienet ħallietha rieqda fis-sodda.

* * *

Trejżi baqgħet f'dar ommha li, għalkemm wara ġimgħa ħadet xejra għall-aħjar, ma kenitx tiflaħ tmidd riġlejha bla ma taqta' nifisha. F'xi attakk tal-għadu mill-ajru, li 'l hawn u 'l hinn ħabat isir mal-lejl, lil ommha kienet tħalliha ma' ħuha, mhux minn qalbha, iżda daqs kemm ommha u ħuha kienu jgħidulha tmur tistkenn mal-ġirien ġewwa xelter fil-blat ta' wara l-knisja.

Lil Ġanni, li wara li safa' bla mara u bla dar, mar igħix bil-merħla tiegħu għand għammtu, ġie li ratu l-Ħadd kmieni għal quddiesa jew nhar ta' xogħol għal barka fil-għaxija l-knisja, u lejh kienet taqleb minn taħt l-għonnella dawk il-għajnejn tal-ħniena u Ġanni, b'ħarsa dejjem miġbura u ħosbiena, kont tarah ifittex xi rokna, joqgħod għar-rkobbtejh, irodd is-salib, jitlob ma' l-oħrajn, u, huwa u ħiereġ, jekk jiltaqa' ma' għajnejn Trejżi jfittex li għal dak il-ħin jaħrabhom, iżda mbagħad bla ma jrid iġibhom quddiem għajnejh, u l-ħarsa tagħhom tal-ħniena jnisslulu f'qalbu faraġ hekk ħelu, li għal xi ħin kien jinsa d-dinja ta' niket u dwejjaq li fihom sab ruħu hekk għal għarrieda. Ġie li Trejżi kienet tarah ukoll f'rokna fix-xelter għal fil-għaxija jew bil-lejl, dejjem ħosbien, iżda għad-damdima ta' xi bomba fil-bogħod, kien iqajjem rasu, u, fil-ħin li n-nies imriegħda ttenni l-litanija, jarġa' jgħaddas rasu u jitfa' idejh it-tnejn f'xagħru.

Kienu għaddew ma' l-erba' xhur minn mindu hija kienet reġgħet lejn dar ommha, meta ħuha, flimkien ma' żgħażagħ ta' għomor wieħed, kellu jmur għal-lieva li minn xi ftit taż-żmien kienet twaqqfet f'dawn il-gżejjer. Hu kellu jitlaq mir-razzett tal-barba fejn kien idur bil-bhejjem, jinfired minn ommu u oħtu u jilbes ta' suldat għal taħt il-kampijiet tat-trufijiet tal-Mellieħa. Ġanni ma sogħob bihx għasservizz li fih kellu jingaġġa, iżda għall-imsejkna ommu li kellu jħalliha hekk magħdura fil-waqt li kienet tinħtieġ min jindukraha u jieqaf magħha fi żminijiet hekk koroh u ta' qtigħ il-qalb.

Kienet lejla tar-rebbiegħa u barra kienet għadha tinħass daqsxejn is-sirda ta' wara t-taqlib ta' l-ajru u l-qamar kien ilu li tala' minn xi siegħa wara li għabet ix-xemx, ixerred fuq il-misraħ u t-triqat ħiemda tar-raħal xmara ta' dawl hekk qawwija li labra kont tilmaħha fl-art. Is-skiet ta' l-ajru kien 'l hawn u 'l hinn jinkiser mit-tvenvin ta' ajruplani għaddejjin jaqsmu s-smewwiet bid-dwal ħomor, bojod u koħol fil-ġnub u fid-denb. Il-lejl kien daħal ġmielu u n-nies tar-raħal, xi wħud kienu fuq l-egħtiebi ma għandhomx sabar imorru jorqdu; oħrajn qrib il-bieb tax-xelter, bil-qiegħda fuq xi ħaġra, u oħrajn għajjenin, mimdudin, jonogħsu jew b'għajnejhom imbexxqin u b'widnejhom weqfin biex malli jisimgħu l-leħen tas-sirena jitilqu jiġru għall-kenn.

Kien qaleb nofs il-lejl. Trejżi, wara li qalet xi ħaġa tat-talb u r-rużarju m'ommha li kienet mixħuta fis-sodda, kif rat li din għalqet għajnejha, resqet maqgħad tas-sogħda ma' ġenb is-sodda, qagħdet bil-qiegħda fuqu u meddet rasha min-naħa ta' driegħ ommha. Idha l-waħda ġewwa ħoġorha kienet għadha bil-kuruna tar-rużarju biż-żibeġ tal-lariġ u idha l-oħra taħt rasha. Għalkemm għajnejha magħluqa Trejżi baqgħet imqajma u ngħas ma seta' bl-ebda mod jidħol f'għajnejha. Id-dlam tal-kamra kien miksur biss middawl inemnem tal-lampa fuq il-gredenza quddiem ix-xbieha tal-Madonna tad-Duluri. Il-ħemda tal-lejl f'daqqa waħda inkisret mill-għajta newwieħa tas-sirena. Wara ftit instama' t-tgeġwiġ ta' nies għaddejjin igħaġġlu, imbagħad skiet, imbagħad it-treddin ta' ajruplan għaddej fl-bogħod. Wara ftit taħbita ċkejkna tal-bieb. Trejżi qajmet rasha, intebħet li xi ħadd mill-ġirien ġie jħabbtilha biex tqum għax ġej attakk mill-ajru. Qamet fuq saqajha u resqet qajla qajla lejn il-bieb.

"Min hemm?"—Staqsiet,

"Jiena, Grezz. Daqqet is-sirena".

"Iva, smajtha!"

"Nistennik."

"Tistenninix, Grezz. Omni jħossha ħażin u ħija mhux hawn."

"Ma tiġix ?"

" Le, Grezz. Weħidha ma nħallihiex". F'daqqa waħda nstemgħet bħal xita ta' sparar ta' kanuni mill-art minn xi furtizza fil-qrib.

"X'waħda din, qegħdin fuqna!" instemgħet tgħid il-mara ta' wara l-bieb. U xejn ma nstama' iżjed ħlief ġiri u tgeġwiġ ta' xi erbgħa minn nies għaddejjin iħaffu l-pass. L-ajru kien mixgħul bi strixxi ta' dwal mitfugħin minn erba' naħiet tad-dawra tas-smewwiet jiġru wara l-ħoss ta' ajruplan tal-għadu u jissallbu biex jistħarrġu u jikxfuh. Leħħa ta' berqa bi tfaqqigħa ta' bomba warajha ġagħlet il-ftit nies li baqgħu wara l-bieb tax-xelter jinżlu jiġru t-taraġ tad-daħla, iqajmu lil min kien minsub fuq xi tarġa jew iħarrku lil dawk l-oħra li kienu bil-wieqfa fil-mogħdija. Isfelnett kotra ta' rġiel u nisa, min b'banketta f'idejh u min b'saqqu; ommijiet bit-trabi fuq driegħ wieħed u b'borża mimlija bi fliexken tal-ħalib jew misħun u ftietaq oħra fid-driegħ l-ieħor, missirijiet isuqu 'l uliedhom jibku għax qajmuhom u għadhom bin-ngħas, xjuħ imħattbin jitwieżnu fuq xi biċċa ħatar ifittxu xi rokna fejn jistrieħu; kulħadd iross u jħabrek biex jilħaq xi mkien fejn joqgħod bil-qiegħda; tgeġwiġ u għagħa; min ifittex u jsejjaħ, min igemgem għax kien fl-aħjar nagħsa u kellu jqum, min iraħħam u jitlob li tħittex tasal dik is-siegħa li jgħaddi dak il-hemm minn fuq il-gżira, min jagħti l-ħtija ta' dak il-hemm lill-ħażen tad-dinja... x'ħin f'daqqa waħda waqgħet bħal ħemda. Xinhu u mhux ?... Instemgħet waħda wara l-oħra d-damdima ta' sparar qawwi tal-kanuni għal fuq l-ajruplani tal-għadu għaddejjin fil-għoli. Wara ftit skiet, imbagħad il-ħoss ta' bomba mitluqa jidwi b'dagħdigħa f'qiegħ ix-xelter. Dlonk xi ħadd minsub quddiem niċċa fejn kien hemm santa tal-Madonna tal-Karmnu imwaħħla mal-ħajt b'żewġ xemgħat jixegħlu u ftit ward f'tazza, beda jrodd is-salib u b'leħen għoli jqassad ir-rużarju.

Id-dalma ta' dik il-ħofra tawwalija għamla ta' mina taħt l-art kienet miksura minn xi lampi mqegħdin ġewwa toqob 'l hawn u 'l hinn imħaffrin fil-ħitan tal-blat u d-dawl bajdani li jarmu kien jikxef xi ftit mill-uċuħ ta' dik il-miġimgħa ta' nies igedwdu is-"Sliema" u l-"Qaddisa", għaj-

nejhom mgħobbijin bin-nghas, rashom mgħaddsa, kollha bi lbiesi ta' bin-nhar li ¸raqdu bihom, il-biċċa l-kbira nies tar-raħal, rġiel b'xi ġlekk oħxon fuq daharhom u nisa b'xi maktur fuq rashom, u fost dawn xi tfajla bi lbies ħafif imżewwaq u mqaċċat u b'xalla fuq rasha madwar għonqha, b'għajnejha mbexxqin u b'xufftejha jiċċaqalqu kemm kemm.

Kien għadu kif intqal ir-rużarju u ntemmu l-aħħar kelmiet tat-talba wara l-litanija meta n-nisa li sa dak il-ħin kienu ssabbru b'ilsienhom meħjut bdew igeġwġu u jreddnu, dik fuq il-għoli tal-ħajja, l-oħra fuq in-nuqqas ta' żejt u sapun l-oħra fuq it-tbatija li batiet mar-raġel u mat-tfal f'dar ħaddieħor jew ma' oħrajn bħalha li telqu 'l darhom, f'xi kamra jew għorfa fejn kellha tmur tistkenn, oħrajn fuq il-għaks ta' bottijiet ta' ħalib u gażażi għat-trabi, u min imaqdar l-isfiq ta' wiċċ tax-xbejbiet tal-lum, min id-drawwiet ħżiena u ż-żina tad-dinja, min jissokta jgħid illi l-gwaj tal-lum hija tbeżbiża mis-Sema, u min iredden fuq ħaġa u min jiċċaċċra fuq oħra, qamet bħal tgeġwiġa bħal dik ta' mitt għasfur ġewwa gaġġa waħda: għagħa ta' tlablib li kisret għalkollox il-ġabra ħiemda ta' dik il-kotra nies li ftit ilu kienet qiegħda titlob b'leħen hekk kiebi u mistur x'ħin f'daqqa waħda nstama' bħal tvenvin ta' riefnu qawwi, bħal ħoss ta' ħalel tal-baħar iħabbtu mal-plajja u xita ta' sparar mill-kanuni, u wara daqsxejn ta' [skiet treddin ta' l-iskrun ta' ajruplan jitkaxkar fil-qrib, it-tisfira u tfaqqigħ ta' tliet bombi. Mad-damdima nħass ġewwa x-xelter bħal buffura qawwija ta' riħ li xeħtet ma' l-art u sabbtet mal-ħitan lil xi wħud ta' tarf it-taraġ fil-waqt li dgħaben ta' trabijiet barmu u geżwru ġewwa fihom bħal ġewwa liżar abjad lin-nies kollha ta' ġewwa l-mina li baqgħu moħbijin għal kollox sakemm id-dawl inemnem ta' xi lampa li ma ntfietx beda bil-ftit il-ftit jagħżel u jderri dik is-sħaba sfiqa ta' għabra li minnha bdew ħerġin l-uċuħ musfara ta' nies jirtogħdu u jixxenglu bil-biża'.

"Ħniena jkollok minn ħafna ommijiet imdejqa... għall-mewt ta' wliedhom. Ħniena minn bosta ltiema—ħniena mill-imsejkna Ewropa li fuqha mdendla t-tehdida ta' ħerba kbira..."

Hekk minn fomm il-kotra mwerwra taħt dak il-blat beda b'leħen li jitlob ħniena jinstama' jidwi xi kliem wara dak ta' raġel għar-rkobbtejh quddiem ix-xbieha tas-santa tal-Madonna tal-Karmnu. Iżda fil-waqt li dana waqaf u beda jgħid il-litanija: *Sultana tal-paċi...* in-nies ta' ġewwa x-xelter, li bil-kemm laħqet wieġbet bit-talba: *Ikollok ħniena*

*minna,* siktet f'daqqa waħda. Fit-taraġ tad-daħla nstama' bħal għagħa u nies neżlin igħajtu: "Waqgħet id-dar ta' omm Trejżi ta' Majsi, u hemm in-nies mirduma!"—Waqa' bħal skiet ta' mewt. Il-lsien u d-demm tan-nies ta' hemm ġew kesaħ, il-ħarsa tan-nisa ntrefgħet mill-art u waqfet mgħaġġba tistaqsi bil-għajnejn.

Minn ġewwa rokna mudlama fejn kien hemm dejjem b'rasu mgħaddsa fil-ħofor ta' idejh raġel raħli, nstemgħet l-għajta ta' mara: "Imsejkna Trejżi, dik baqgħet m'ommha... xi ħadd imur jara... xi ħadd imur jeħlisha!"—Dak ir-raġel rafa' rasu, qam minnufih fuq riġlejh u bla ma tkellem u staqsa xejn qasam in-nies li kienu fil-mogħdija u malli ħeles mix-xkiel tar-riġlejn u qabad it-tarf tat-taraġ tala' b'ġirja waħda u telaq għat-trieq id-dejqa ta' wara l-knisja. Kien Ġanni r-raħħal. Warajh tqanqlu xi nofs tużżana rġiel oħra qalbiena, u hekk kif wara ftit reġgħet daqqet is-sirena b'għajta sħiħa u qawwija biex turi li l-ajruplani tal-għadu għaddew, in-nies kollha ta' ġewwa x-xelter, nisa, rġiel u tfal irħewlha lejn id-dejra mġarrfa ta' omm Trejżi.

Il-qamar kien qorob biex jinħeba, iżda d-dawl tiegħu kiebi kien għadu jiddi fuq it-toroq, l-għorof u l-egħlieqi ħiemda tar-raħal. Ġanni, bħal wieħed mitluf minn sensih, iżda b'qalb ta' ġorf li ma taf b'ebda biża', għalkemm il-qirda ta' daru u ta' martu kienet mewtitlu kull ħeġġa u ħila u kien sar donnu bħal mibluh, hekk kif wasal quddiem id-dwejra ta' omm Trejżi li minnha ma kien fadal xejn ħlief ġebel u trab—waqaf għal ftit, rabat idejh, dawwar il-ħarsa tiegħu 'l hawn u 'l hinn, medd riġlejh il-quddiem, rifes bil-qajla il-qajla fuq ġenb wieħed fejn deherlu li lemaħ bħal bieba u dahar ta' siġġu miksur taħtha, tawwal idejh, qala' l-ġebel ta' madwar il-bieba u bl-aħħar dija tal-qamar kixef ħofra li minnha bi tbatija sata' jgħaddi bniedem; baqa' jaqla' r-radam tal-ġebel: "Tuni mgħażqa u zappun, xi ħadd igħini nnaddaf dan it-trab". Mal-għajta sab miegħu tnejn minn sħabu tar-raħal li fil-barrieri kienu mdorrijin iqandlu l-itqal ċnagar għal fuq il-karettun, u wara li għinuh inaddaf il-ġebel u trab hu fetaħ u wassa t-toqba. Mixħut minn tulu qalb dak ir-radam, b'rasu mdendla ġewwa d-daħla tal-ħofra, qagħad jissamma'. Deherlu li sama' l-krib ta' mara. Ħareġ rasu, qal lil sħabu jieqfu mit-taħfir biex jisma' sewwa, qam u, wara li warrbulu xi ġebel li kien qed ixekkluh, niżżel rasu 'l isfel u għab għal kollox. Ġanni baqa' dieħel ġewwa l-vojt għal wara dak il-krib li kien donnu qed jitmewwet u jintefa, beda jteftef b'idejh ġewwa d-dlam u ħass bħal

koxxa ta' bieb. Sejjaħ u talab idendlulu fanal, riġlejh ħabtu ma' xorka, u ma' xi qsari miksura. Il-krib kien donnu ħiereġ mix-xaqq ta' dik il-bieba. Wara ftit, bid-dawl tal-fanal li newlulu sata' jara sewwa li qiegħed f'rokna tal-mandra qalb ir-radam ta' ċnut u ħitan tas-sejjieħ. B'daqqa ta' rkobba tafa' l-bieb ġewwa u minnufih sab ruħu ġewwa għorfa bis-saqaf nofsu mġarraf. Minn fejn kien għadu jinstama' l-leħen batut u maħnuq ta' krib kien mgħotti b'żewġ travi mmejla bix-xorok, biċċa mfarrka u oħrajn sħaħ. Ġanni warrab b'idejh il-ġebel minn taħt u wassa' l-fetħa kemm igħaddu tnejn min-nies, tmejjel, għaddas rasu u daħal, u hemm bid-dawl ta' lampa tal-Madonna tnemnem jilmaħ lil Trejżi għar-rkobbtejha quddiem ix-xbieha tal-Madonna, mgħannqa m'ommha fuq is-senduq ta' fejn il-gredenza. Trejżi, xagħarha kollu mħabbel u mimli trab, ħwejjiġha mċarrta u driegħ wieħed mibrux u ħiereġ minnu d-demm; rasha mitfugħa lura wiċċha mxarrab bil-għaraq u bil-biki, għajnejha mberrqin lejn is-saqaf, xufftejħa koħol, snienha jċekċku, ġisimha kollu jirtogħod, sidirha jilheġ. Ommha b'rasha kollha dmija b'daqqa ta' xriek maqsum li niżel ma' dirgħajha għal fuq il-ġenb tas-senduq, kellha għajnejha magħluqa bis-sfura tal-mewt fuq wiċċha.

Ġanni mess idejn ix-xiħa, kienet kiesħa; ħall lil Trejżi minn ħdan ommha, qalagħha bis-sengħa kollha minn qalb ir-radam ta' madwarha, tafagħha fuq driegħu x-xellugi, u bil-għajnuna tal-fanal imdendel quddiem il-bieb tal-mandra, sab l-inqas mogħdija mwiegħra, u fejn riġlejh ma sabux is-sħiħ, twieżen mal-ħitan imġarrfa b'idu l-leminija u ħareġ bi Trejżi għaxja minn dik il-ħerba ta' ġebel fejn l-imsejkna xbejba flimkien m'ommha kienet sa ssib il-qabar tagħha.

* * *

Kienu għaddew xi xhur minn mindu bl-aħħar attakk tal-għadu mill-ajru kienet iġġarrfet id-dar ta' omm Trejżi u x-xwejħa kienet baqgħet mejta taħt ir-radam ta' ġebel u Ġanni kien ħataf u ħeles minn ħalq il-mewt lil Trejżi. Iżda t-treddin ta' l-ajruplani tagħna kien għadu jinstama' lejl u nhar; telgħin u neżlin mil-Lvant, mil-Lbiċ u mill-Punent tal-Gżira, daqqa sejrin jiżirgħu l-qirda u mewt fuq art il-għadu, u daqqa biex jilqgħu l-għadu u jiġġieldu miegħu, fil-waqt li kien għadu wkoll jinstama' jdamdam fil-bogħod u fil-qrib xi tpaqpiq ta' mitralji, xi sparar ta' kanuni mill-art, xi tfaqqigħha fil-bogħod ta' bomba mal-għabex, bil-lejl jew mas-sebħ, u n-nies tar-raħal kienet għadha ma

stenbħitx għal kollox mid-dehxa ta' l-aħħar attakk aħrax ta' bil-lejl, Iżda, fl-aħħar waqgħet bħal ħemda u l-leħen newwieħi tas-sirena fil-bogħod kont tisimgħu, u meta tisimgħu, dlonk warajh tisma' żżarżar l-għajta tas-sinjal illi l-għadu telaq.

Trejżi wara l-mewt t'ommha sfat waħidha u marret tinġabar fid-dwejra ta' xbintha fil-ħara ta' tarf ir-raħal, erba' bibien bogħod mid-dar fejn Ġanni kien mar igħammar bil-merħla tiegħu għand zitu. Ġanni, fiż-żminijiet koroh li kienu għaddejjin, issa li kien romol, meta kien għadu żagħżugħ, ħass iżjed minn qabel il-waħx ta' dik il-ħajja; Trejżi mill-banda l-oħra wara l-hemm li ġarrbet fi-aħjar ta' żgħużitha, ħasset il-bżonn li jkollha min iħarisha, min ifarraġha, mhux biż-żegħil tad-dinja fiergħa, iżda bis-sedq ta' ġibda u mħabba safja taħt is-saqaf ta' dar kennija, u ma xtaqitx iżjed li tintefa' f'dik il-ħajja qarrieqa ta' l-ibliet ġewwa ħwienet fejn il-qalb ma sabet ebda mistrieħ. Minn dak il-lejl li Ġanni kien ħelisha mill-mewt, Trejżi ħasset, bla ma taf kif, min jiġbidha u jressaqha lejh, u minn dak innhar li saru l-ġirien ta' xulxin, din il-ġibda ta' Trejżi lejn Ġanni u ta' Ġanni lejn Trejżi, xegħlet u kibret bħal ħuġġieġa tal-ħuxlief li taqbad f'daqqa malli tressaq l-inqas xrara ta' nar.

Il-ħarsa ta' Ġanni hekk mas-sebħ malli joħroġ u kemm fil-għaxija kif jinġabar mill-merħla, kienet tiltaqa' ma' dik ta' Trejżi ħierġa għall-għalqa jew ġejja mill-għalqa u wiċċ ix-xbejba din id-darba, bla ebda tiżjin ta' żebgħa fuq xuftejha, jew nir dwar l-għajnejn u l-ħuġbejn, kien jistħajlu bħal meta kien rah l-ewwel darba b'dawk il-par wardiet fuq il-għajn hija u ġġorr il-qliel ta' l-ilma lil ommha, b'dawk il-għajnejn jiddu bid-dija ta' ruħ ta' anġlu.

—"Saħħa Ġann"—"Saħħa Trejż"; u mat-tbissima ta' wieħed u ta' l-oħra ż-żewġt iqlub kienu jiltaqgħu u jdumu jitkellmu bil-ħsieb il-jum kollu jew mal-lejl.

Xbint Trejżi u z-zija ta' Ġanni dlonk kont tarahom bilkiss il-kiss ifittxu lil xulxin u jmorru jlabalbu f'rokna waħidhom u jsefsfu f'widnejn xulxin wara li joħroġ Ġanni u Trejżi tmur il-għalqa jew taqdi xi qadja u ma damux biex itemmu x-xewqa ta' wieħed u ta' l-oħra bil-ħajra li jarawhom miġburin flimkien taħt saqaf wieħed għax hekk kien mn'Alla. Trejżi wara ftit ġranet tal-laqgħa tagħha ma' Ġanni quddiem xbintha u z-zija ta' Rożi, qabel ma waslet biex tmur tgħammar mas-sieħeb taħt saqaf wieħed, kont

taraha wara li joħroġ fil-għodu kmieni bil-merħla tal-mogħoż għall-ibliet tmur tiknislu l-maqjel, tqattagħlu s-silla, timlielu l-imxatar bil-ġwież u l-istla bl-ilma.

Iżda Trejżi ma dametx ma nġabret f'darha bir-razzett li Ġanni kien wiret minn għand missier ommu,—raġel bidwi xiħ. Ir-razzett bir-raba' madwaru kellu x-xatba tiegħu tagħti għal fuq it-trieq ta' tarf ir-raħal, fejn mal-koxxa talbieba tagħha darba waħda huwa u rieġa' lejn daru millibliet bil-merħla, Ġanni kien lemaħha mrekkna titħaddet mas-suldat Freddie. Minn dak il-bieb tax-xatba, hija u dieħla l-ewwel darba fid-dar il-ġdida, Trejżi waqfet u baxxiet rasha, u wiċċha sar aħmar nar. "X'int taħseb?", staqsieha Ġanni. Trejżi baqgħet b'rasha l-isfel, ċaqalqet fommha: "Kemm kont belha!" temtmet "kemm domt ma għaraftek, kemm domt ma fhimthek!"

"Iżda issa għaraftni?"

"Iva Ġanni."

"Iżda issa fhimtni?"

"Iva Ġanni."

"U tibqa'?"

"Għal dejjem!"

U bla ma riedet infexxet f'bikja u ntelqet fi ħdanu Hemm qabel ma ġibed il-ħabel tar-rixtellu biex jirfes ma Trejżi mill-għatba l-ġewwa, Ġanni f'dik l-istess rokna fejn kien lemagħha tkellem lil dak li kien seraqhielu minn qalbu, raġa' laqagħha fi ħdanu biex qatt ma tinfired minnu. Iżda Trejżi ma marretx għand Ġanni waħidha. Flimkien mal-għamara xtaqet lil Ġanni jġorrilha ħaġa wisq iżjed għażiża minn kull ħaġ'oħra li biha għammrilha l-għorfa— u din fost l-għamara qadima tad-dar t'ommha li baqgħet ħajja, kienet ix-xbieha għażiża tal-Madonna tad-Duluri, li bis-saħħa tagħha hija ħelset mill-mewt, u li lejha kellha qima hekk kbira u lilha kienet tant tħobb titlob. U Ġanni, bla ma qaghad jaħsibha darbtejn, ta' qalbieni li kien, bla ma qagħad jistenna li jitnaddaf u jitwetta l-ġebel imġarraf tad-dar reġa' daħal taħt dik il-ħerba ta' radam tal-biża, u minn hemm ħareġ ix-xbieha għażiża tal-Madonna tad-Duluri li quddiemha huwa u l-mara kull fil-għaxija qabel ma jmiddu rashom fuq l-imħadda kienu jinżlu għar-rkubbtejhom u jroddulha ħajr talli ħarsithom mill-mewt u saħansitra mill ħsarat tal-hemm li fih kienet tinsab id-dinja, u hekk kienu jagħalqu għajnejhom b'rashom mistrieħa fid-

dalma miksura mid-dija ċkejkna tad-dawl iteptep tal-lampa tal-Madonna li kienet twennishom... fil-waqt li fuq rashom it-tvenvin ta' ajruplani għaddejja kienu jħossuh f'widnejhom bħal għanja lejlija li bih dari għajnejhom kienu jingħalqu fl-iżjed nagħsa ħelwa.

A. CREMONA.